# IL-QNIEPEN TA' SAN ĠORĠ T'GĦAWDEX 1759 - 1788

minn John Bezzina

Fl-1985 konna ktibna artiklu dwar il-"Qniepen ta' S. Ġorġ" t'Għawdex bejn l-1925-1985[1] Għaddew ħames snin, u minn dak inhar sal-lum ġew f'idejna xi dokumenti ġodda dwar qniepen oħra li kellha il-knisja parrokkjali ta' S. Ġorġ fl-imgħoddi... qniepen li ma semmejniex u oħrajn li kemm kemm semmejna. Il-qanpiena tal-idejn, magħrufa bħala l-qanpiena tal-Erwieħ, dik tal-Bronż, kienet ġiet mgħotija mas-sett mid-ditta Barricozzi fl-1925.

Għalhekk sabiex dan it-tagħrif ma jintilifx ħsibna li tkun ħaġa xierqa li 'nsensluh ma' dak li ktibna fl-1985. B'dana kollu l-anqas b'din iż-żieda man nħossu li, l-istorja tal-qniepen hija kompluta. Għad meħtieġ li jinstab aktar tagħrif dwar dawk il-qniepen li seta' kellha din il knisja qabel l-1759, meta wieħed iqis li l-knisja ta' S. Ġorġ kienet u għadha dik il-knisja parrokkjali l-aktar mimlija ħajja f'Għawdex. Dak li ktibna fid-daħla u l-premessa ta' l-1985 jgħodd ukoll għal din il-kitba.

### Disgħa u Tletin Sena ta' ĦIDMA

Fis-snin bejn 1759 u l-1788, ix-xogħol fil-knisja ta' S. Ġorġ kien għaddej bla waqfien, mhux biss għal dik li hija ħidma parrokkjali, imma anke għal dak kollu biex joktor il-kult Divin.

Fid-9 ta' Frar 1759 fl-Atti tan-Nutar Alessi sar kuntratt bejn il-Prokuratur ta' l-Artal tal-Erwieħ ta' S. Ġorġ, il-Kan. G.E. Agius (DeSoldanis), u l-marmista Giovanni Antonio Durante mill-Isla. Xhud għal dan il-kuntratt kien il-Pittur Franġisk Zahra, kuntratt li bih Durante ntrabat li jiksi bl-irħam il-presbiterju tal-Erwieħ, l-altar u dawk 'tal-Ġnieb' (Ġesù Marija u l-Kurċifiss) Żguri li d-disinn tal-Erwieħ għamlu l-istess pittur Fco. Zahra[2] Dan ix-xogħol tlesta bejn l-1760-1761 u sewa 900 skud, kemxa ġmielha għal dak iż-żmien. Hawn nieħdu l-okkażżjoni sabiex nikkoreġu żball tagħna kommess fl-1964 fil-Ktejjeb 'Siltiet p.10) fejn konna għedna li l-altar sar fl-1783 flok fl-1763). Fl-1763 il-Pittur Fco. Zahra lesta l-kwadru laterali tal-kor li kien ħallashom l-Arċipriet Dr. Giacomo Galea.



*"L-GĦAWDXIJA", l-unika qanpiena mit-tnejn li saru fl-1778 mill-aħwa Francesco u Ġakkino Tregance, għal knisja ta' S. Ġorġ t'Għawdex. Qabel Ottubru ta' l-1820, din il-qanpiena qatlet l-abbati li kien idoqqha meta waqgħet għal-ġewwa l-kampnar. Fl-1821 Ċensu Borg Brared xtara din il-qanpiena għal-Kolleġġjata ta' Birkirkara, fejn għadha tinsab u ddoqq sal-lum.*

## Talba biex isiru Żewġ Qniepen

Għalkemm kien għaddej dan ix-xogħol kollu, f'Mejju 1759, l-istess sena li ġie ordnat l-irħam għand Durante, il-Prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' S. Ġorġ il-Kan. D. Martin Bugeja, ressaq supplika lill-Isqof ta' dawn il-gżejjer, li fiha bir-rispett kollu talbu: "Għal aktar glorja tal-kult divin f'din il-knisja li fiha hemm "Gran concorso di popolo", il-permess sabiex jinbena kampnar deċenti u jsiru 'Żewġ qniepen ġodda', bl-elemosina miġbura, dik li għad trid tinġabar u mid-dħul tal-altari eżistenti fl-istess knisja.

Din is-supplika saret għaliex kif qal il-prokuratur ..."billi ma jeżistux għajr żewġ pilastri qodma minflok kampnar u qanpiena miksura li qed iheddu rovina". La din il-ġrabja kienet qadima, u billi l-knisja kienet inbniet mill-ġdid bejn l-1672-78, jiġifieri 81 sena biss qabel l-imsemmija supplika, ta' min jemmen li kemm il-grabja u kemm il-qanpiena msemmija kienu ta' żmien meta l-knisja kienet inbniet fl-1609 minflok dik tas-seklu XVI li kienet ġarrbet ħsarat mill-ħbit tat-Torok. Nafu li kien għaddej xogħol tal-bini fl-1575, fl-1594 u mill-ġdid fl-1609. Dan l-aħħar bini kien imfakkar f'kitba li sa l-1630 kienet inkaxxata fis-sagristija li kienet tinqara hekk:

*DIVI GEORGII TEMPLUM*
*FERE DIRUTUM*
*MODO ERECTUM*
*ELEMOSINAM*
*ANNO DNI 1609*[3]

## IL-FONDITURI

Il-permess mill-Isqof biex jinbena l-kampnar u jsiru l-qniepen ingħata fit-3 ta' Marzu 1761. Is-supplika li semmejna hija annessa mal-kuntratt li sar bejn il-Prokuratur ta' San Ġorġ il-Kan. D. Martin Bugeja u l-fondituri (:brunżara) MARCO MORELLO iben il-mejjet Mikiel u GIOV. ANTONIO TANTI iben Petruzzo mill-belt Valletta. Dan Tanti kien magħruf għal arloġġi li kien jagħmel għal-knejjes. Nafu li Tanti kellu fonderija ħdejn il-Bieb ta' Ħaż-Żabbar (dak li tasal għalih mill-Kalkara), imma din ma kienetx dik li fiha saru l-qniepen ta' S. Ġorġ, billi f'dik is-sena Tanti kien imsieħeb ma Marco Morello u MIKELANGELO (iben Marco), li kellhom fonderija l-belt Valletta.

## 'LIBRO ELEMOSINE'

Mill-manuskritt 'Libro Elemosine' ikkonservat fil-Kurja tal-Isqof t'Għawdex, manuskritt miktub mill-komputista tal-Isqof Ioannes Bres, u li jittratta dwar il-ġbir biex isiru l-qniepen li semmejna bejn it-13-9-1760 sal- 1768 nisiltu dan li ġej: Bejn bil-ġbir tal-flus u bejn bil-ġbir tal-qoton (li kien jinħaleġ u kemm il-qoton u kemm iż-żerriegħa kienu jinbiegħu) inġabret biss is-somma ta' 622 skud, 10 tari u 2 grana. L-akbar benefattur kien D. Giovanni Seychell li f'darbtejn ħareġ is-somma ta' 125 skud.

Il-manuskritt fih dettalji ta' kemm inġabru flus fil-baċil, kemm taw xi nies inklużi qassisin, kemm kien jinġabar qoton kull sena u kemm ġab il-prezz tal-qoton u taż-żerriegħa. Fih ukoll il-ħlasijiet li saru in konnessjoni mal-qniepen. Fl-"Esito diverso" hemm kemm kien jitħallas il-bniedem li kien jiġbor il-qoton u kemm kien jieħu min jaħilgu. Hemm kemm intefqu flus biex jitranġa il-kampnar fit-3 ta' Diċembru 1764 għax kien intlaqat b'sajjetta, il-ħlasijiet lil ħaddiema, dritt ta' kopja ta' Kuntratt mingħand in-Nutar Gabriele Bartolo, l-burdnar li ħa l-qanpiena l-qadima Malta, il-ħlas lill 'psatas' f'Malta li wasslu l-qanpiena fil-fonderija, l-istess biex inġarret il-ġdida, hemm imniżżla l-ispejjeż tal-karettun, ħadid, nervi, żigarella, inċens għal-konsagrazzjoni tagħha fil-palazz tal-Isqof il-belt, ħlas għal-bini ta' Grabja fl-istess palazz għaċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni, ġarr tagħha mill-palazz sa fuq id-dgħajsa t'Għawdex. Xiri ta' domni u slaleb tar-ramm minn Ruma biex tqassmu lill-benefatturi, il-ħlas lill-komputista, fi ftit kliem hemm id-dettalji kollha għajr il-ġurnata li ġiet ikkonsagrata u l-ġurnata li waslet Għawdex u meta ttellgħet f'postha. (Kopja fotostatika tinsab fl-Arkivju ta' San. Ġorġ).

B'dana kollu għalkemm inġabru biss 622 skud 10 tari 2 grana u minn dawn tħallsu l-spejjeżli semmejna li ammontaw għal 84 skud u 10 grana, il-qanpiena nnifisha ġiet tiswa 1645 skud tari u 10 grana. Somma enormi meta wieħed iqis li kienu għadhom kemm intefqu 900 skud għall-irħam tal-Artal tal-Erwieħ etc., u kienu għadhom kemm tlestew iż-żewġ kwadri tal-kor minn Francesco Zahra.



*'FRANGESKA' (IL-MEZZANA), it-tielet qanpiena mis-sett ta' Baricozzi ta' Milan, infurmati fl-1925. Tant daqqet din il-qanpiena mill-1925 sa l-1955, li 'nħasset il-ħtieġa li tintbgħat il-fonderija fejn ġiet imdewwba u 'nfurmata mill-ġdid bl-istess piż u ntonatura. Qed narawha meta ġiet lura minn Milan waqt it-tlugħ tagħha f'postha. Din il-qanpiena kuljum iddoqq il-Paternoster tat-Tmienja, Nofsinhar u l-Ave Marija. Iddoqq fil-mofi kollha tal-Ħamis, fil-ħdud u fil-festi sekondarji. Hija wkoll il-'Qanpiena tal-Quddies' fil-festi 'Prima Klassi' u matul t-tlitt ijiem tat-Tridu ta' S. Ġorġ. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija (mhux bħal ma jingħad l-lum) kienet il-***FONZA** l-qanpiena akbar minn din li kienet tindaqq biex tħabbar li l-attakk mill-ajru spiċċa.

## IL-KUNTRATT TA' L-10 TA' SETTEMBRU 1766 [4]

Fl-Atti tan-Nutar Gabriele Bartolo tal-10 ta' Settembru 1766, dehru fuq il-kuntratt mill-parti l-waħda il-fondituri Marco Morello mill-belt u Giov. Antonio Tanti wkoll mill-belt sħab fix-xogħol, u min-naħa l-oħra il-Kan. D. Martin Bugeja mill-gżira ta'Għawdex prokuratur tal-Ven. Knisja ta' S. Ġorġ fir-Rabat t'Għawdex, li deher f'ismu D. Giusepp Mizzi mir-Rabat t'Għawdex ukoll... Il-brunżara intrabtu li jagħmlu 'TLIET QNIEPEN ĠODDA' għas-servizz ta' l-imsemmija knisja... Il-qniepen kellhom ikunu: il-kbira bejn12 u 14 il-qwintal, il-meżżana bejn7 u 8 quintali u nofs, u ż-żgħira bejn 3-4 qwintali u nofs, l-użin mingħajr ilsien. Il-konsenja tagħhom kellha ssir sal-10-3.1767 sitt xhur wara d-data tal-kuntratt.

Il-brunżara ntrabtu li fuq il-kbira jsiru xbihat ta' S. Ġorġ u S. Katerina, fil-meżżana x-xbieha tal-Madonna ta' l-Erwieħ, u fuq iż-żgħira x-xbieha li jogħġobhom il-brunżara. Intrabtu wkoll li fuq l-imsemmija qniepen isiru l-iskrizzjonijiet kif jordnalu l-imsemmi prokuratur. Il-qniepen kellhom jiġu ikkonsenjati fil-post fejn isiru fil-belt Valletta. Il-qniepen kellhom ikollhom ton sabiħ u fil-kas li l-imsemmija qniepen **"non piaceranno al popolo di dett' isola del Gozzo"** l-imsemmi prokuratur ma jkunx marbut li jżommhom.

Fl-istess kuntratt insibu klawsola li tgħid li dan għandu jitqies li qed isir bl-istess kundizzjonijiet kollha li bihom Aloisio Buscion (sic) kien għamel qanpiena għal Ve. Kolleġġjata u Matrice t'Għawdex."

Morello u Tanti qabel kienu għamlu qanpiena għall-Katidral tal-Imdina li kienet tiżen 12 il-quintal. Din il-qanpiena li għal xi raġuni kienet għadha fil-fonderija, ġie deċiż li l-prokuratur ta' S. Ġorġ jixtriha bl-istess prezz li l-brunżara kienu ftehmu mal-prokuratur tal-Katidral, bil-patt li tiġi mdewwba mill-ġdid miżjuda sabiex meta tiġi infurmata il-piż tagħha jkun aktar minn 12 il-quintal.

### Ħlasijiet

Dwar il-ħlasijiet ġie miftiehem li nofs il-prezz tal-kbira jitħallas dritt u l-bqija mal-konsenja tal-qniepen. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas tal-'Mezzana' jitħallas fi żmien erba' snin mill-konsenja tal-qanpiena, kwart kull sena. Għal dak li hu ħlas taż-żgħira din titħallas dritt malli jaslu l-qniepen. Sar ftehim ukoll li l-qanpiena l-qadima li kien hemm S. Ġorġ titwassal sal-fonderija tal-belt a spejjeż tal-prokuratur, fejn din kellha tiġi mdewwba u miżjuda iżjed bronż sabiex tiġi nfurmata ż-żgħira l-ġdida, skond il-piż miftiehem, jitnaqqas il-prezz tal-piż tal-bronż tal-qadima stmat għal 75 skud kull quintal. Ix-xhieda ta' dan il-kuntratt kienu Luka Micallef iben Fco. minn Hal Qormi u Emmanuele Briffa iben il-mejjet Pietro mill-Belt.



*Il-qniepen fil-fabbrika Fabricozzi 1925*

**KUNTRATT tal-10-10-1767**

Dwar dawn il-qniepen sar kuntratt ieħor fl-10 t'Ottubru 1767 għand in-Nutar Francesco Alessi. Min naħa l-waħda dehru Marco Antonio Morello u ibnu Mikelangelo f'isimhom u f'isem seħibhom fix-xogħol Giov. Antonio Tanti. B'dan il-kuntratt intrabtu li jikkonsinjaw lil Franceso Abela iben Giuseppe mir-Rabat t'Għawdex, bħala kummissjonant tal-Prokuratur il-Kan. D. martin Bugeja qanpiena li tiżen 3 qwintali u 94 ratal, waħda mit-tliet qniepen. Nafu li l-imsemmi Abela ħallas 250 skud akkont ta' din il-qanpiena li ġiet tiswa 394 skud. Il-bqija jiġifieri 144 skud tħallsu meta l-qanpiena ġie ikkonsenjata lil Abela fil-palazz tal-Isqof fejn ġiet ikkonsagrata. Din l-aħħar somma taż-żgħira tħallset fil-25 ta' Novembru 1767. Il-ħlas għat-tliet qniepen sar bejn it-23-2-1767 wit-3-7-1769 u b'kollox tħallsu 1645 skud u tari.[5] B'hekk il-knisja ta' S. Ġorġ sal-1769 kellha tliet qniepen ġodda, imma f'inqas minn għaxar snin kellha tnejn oħra.

**Iż-Żewġ Qniepen ta' Tregance**

Fl-Atti tan-Nutar Paolo Vittorio Giammalva fil-11 ta' Marzu 1778[6] saret Apoteka bejn il-Kan. D. Martin Bugeja u Francesco Tregance Francesco iben il-mejjet Giuseppe mill-belt Valletta, ikkonferma li rċieva mingħand il-Kan. D. Martin Bugeja, bħala Prokuratur tal-knisja parrokkjali ta' S. Ġorġ, mibnija fil-borgo ta' l-istess Gżira is-somma ta' 2055 skud, 8 tari u 5 grana bħala akkont tas-somma ta' żewġ qniepen li bejniethom jiżnu 20 quintal u 50 ratal, il-kbira ta' 12 il-quintal 46 ratal u nofs u l-oħra ta' 8 quintali, 11 il-ratal u nofs skond il-piżatur Mallia fil-5 ta' Frar 1778, stmati għas-somma ta' 110 skudi kull quintal. (L-kuntratt biex isiru dawn iż-żewġ qniepen kien sar għand in-Nutar Felice Azzopardi, imma n-Nutar Giamalva ma jgħidx meta). Iż-żewġ qniepen kienu jiswew 2263 skudi, 9 tari u 12 il-grana.

Il-Kan Bugeja wiegħed lil Francesco u ħuh Gioacchino Tregance li s-somma ta' 208 skudi tari u 7 grana l-bqija tal-prezz, jitħallsu fit-8 ta' Settembru 1778. Sal-11 ta' Marzu 1778 iż-żewġ qniepen kienu ġew ikkonsenjati lill-Kan Bugeja, però jidher li kienu għadhom ma ittellgħux f'posthom għaliex fid-9 ta' Marzu xtara wkoll mingħand l-aħwa Tregance l-ħadida biex magħha tiddendel it-tieni qanpiena, u tranġaw wkoll żewġt ilsna tal-

qniepen il-qodma. B'hekk S. Ġorġ sal-1778 kellu ħames qniepen tlieta ta' Morello u Tanti, u tnejn ta' Tregance.[7]

Il-lum minn dawn il-ħames qniepen ta' S. Ġorġ li saru fis-seklu XVIII, waħda biss għadha teżisti u għadha ddoqq u tinsab fil-Kolleġġjata Bażilika ta' S. Elena f'Birkirkara. Hija magħrufa bħala "l-**Għawdxija.**"

## FIL-QOSOR

Meta qniepen jindaqqu ħafna aktar minn oħrajn, il-ħajja ta' dawk li l-aktar jindaqqu tkun iqsar minn ta' dawk li jsiru fl-istess żmien imma jindaqqu ftit.

Il-qanpiena ż-żgħira miksura li kienet teżisti fl-1759, kienet iddewbet, ma' bronż ieħor biex ġiet informata mill-ġdid minn Morello-Tanti. Ġiet tiżen 3 quintali u 94 ratal. Fl-1820 minflok din iż-żgħira kienet saret oħra minn Ferdinando Leotta li kienet tiżen 156 ratal. Din fl-1925 spiċċat il-Munxar ma' tnejn oħra akbar minnha u li t-tlieta fl-1954 ingħataw lid-ditta biex jiddewwbu biex ma bronż ieħor sar is-sett il-ġdid tal-Munxar.

Fl-1827 żewġ qniepen ta' S. Ġorġ kienu xxaqqu ttieħdu Malta biex iddewwbu u ġew informati mill-ġdid. Dawn it-tnejn imxaqqa nemmnu li kienu jew it-tnejn l-oħra ta' Morello-Tanti (cioè il-Kbira li kienet tiżen 12 il-qwintal u 14 il-ratal, u l-meżżana li kienet tiżen bejn 7-8 qwintali,, inkella waħda ta' Morello-Tanti u l-iżgħar fost it-tnejn li kienu ħadmu l-aħwa Tregance (dik li kienet tiżen 8 qwintali u 11 il-ratal u nofs).

Il-kbira fost it-tnejn informati fl-1827, fl-1926 spiċċat it-Triq tal-Għajn u li fis-snin ħamsin ġiet imdewwba għal-bronż biex saret xi waħda mis-sett il-ġdid tat-Triq tal-Għajn.

L-oħra nfurmata fl-1827, flimkien ma' dik li kien baqa' minn ta' Morello-Tanti, flimkien maż-żgħira li semmejna fil-15-10-1925 spiċċaw il-Munxar. Mela mill-qniepen il-qodma ta' S. Ġorġ baqa biss waħda il-Kbira tal-Aħwa Treganza (Tregance), illum f'Birkirkara.

Nafu li din tniżżlet mill-kampnar fit-30-4-1821, biex tinbiegħ lil Birkirkara. Nafu wkoll li fid-19 ta' Ottubru 1820 il-ħaddied Giuseppe Caruana tħallas 15 il-skud biex sewwiha. Mela l-kas tal-inċident li din il-qanpiena meta waqgħet u qatlet l-abbati jew tifel li kien idoqqha seħħ żgur qabel 19-10-1820.

Ta' min jifli r-reġistru tal-mejtin ta' S. Ġorġ qabel Ottubru 1820 forsi jinstab l-isem ta' dan l-abbati u meta ġara l-każ.

**Riferenzi**

1 'Il-Belt Victoria tiċċelebra festi....f'Ġieħ S. Ġorġ...1985, paġ 47-59.

2 'Festi San Ġorġ...Lulju 1987: Dr. Eugene F. Montanaro: 'Id-Dekorazzjoni bl-irħam tal-Kappella tal-Erwieħ pag. 27-39.

3 'Il-Bażilika Proto-Parrokkjali S. Ġorġ....1978 No.4 pag. 17-40.

4 N.A.V. 23/564 pag. 9-14. Ħajr li Dr. Montanaro li tani kopja ta' dan il-kuntratt.

5 Kopja fotostatika ta' dan il-Libro Elemosine' qegħda fl-arkivju ta' S. Ġorġ flimkien mal-kuntratt.

6 N.A.V. R/292/26 fols 650-653. Ħajr lil Dr. Montanaro li tani kopja ta' dan il-kuntratt.

7 Ara 'Il-Belt Victoria etc 1985 ut supra pag. 47-59.

ASTRA TOURS

INGILTERRA - FRANZA
Inżuru: Londra - Pariġi Versailles - Windsor - Brighton eċċ
Bl-ajru Malta/Londra/Pariġi
1-11 ta' Awissu

OLANDA - BELĠJU - ĠERMANJA
Inżuru: Amsterdam - Brussels Cologne - The Hague - Volendam
Bl-ajru Malta/Brussels
5-11 ta' Awissu

ITALJA - SVIZZERA - AWSTRJA
Inżuru: Venezja - Ruma - Padova - Firenze - Verona - Lugano - Innsbruck
Bl-ajru Malta/Ruma
21-30 ta' Awissu

OBERAMMERGAU - ĠERMANJA - INGILTERRA
Inżuru: Londra u Oberammergau għad-dramm tal-PASSJONI
Bl-ajru Malta/Londra
8-16 ta' Settembru

Bookings u programmi J.PORTELLI ENT. Valletta Tel. 627016
- ATLAS TRAVEL Valletta Tel. 606702. P.M. CASSAR Tel. 551004